MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2014

Numru. 576/2012

**Artikoli 293, 294 u 392A tal-Kapitolu 9,**

**Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**GARRETH AGIUS**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **GARRETH AGIUS,** ta' 32 sena, iben Vincent u Pauline nee' Vassallo, imwieled San Giljan, fit-3 ta' April, 1980, residenti 5, 'Dolphin', Flt 4, Triq l-Isfar, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 245380(M) gie akkuzat talli fil-jiem ta' bejn Lulju w Awissu 2011, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) bi hsara ta' Pinkish Line Ltd (company reg. C30101) u/jew Roderick Cachia u/jew Melanie Pace.

U aktar talli, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) li giet fdata lilu taht titolu illi jgib

mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata jew kunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-dannu ta' Pinkish Line Ltd (company reg. C30101) u/jew Roderick Cachia u/jew Melanie Pace.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali u stqarrija tal-imputat.

Semghet ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Jonathan Ferris, Roderick Galea, l-Ispettur Rennie Stivala, Dr Amanda Poole u David Galea.

Semghet lil Dr George Anton Buttigieg jiddikjara illi l-imputat jinsab jghix permanentement barra minn Malta pero' xtaq illi jindirizza din il-pendenza kriminali tieghu billi jirregistra tramite l-avukat tieghu ammissjoni bil-ghan illi jkun prezenti ghas-seduta li jmiss meta tinghata s-sentenza u dan sabiex l-atti jkunu regolati.

Semghet fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2014 lil Dr George Anton Buttigieg jirregistra ammissjoni ghan-nom tal-imputat li jinsab imsiefer u dan wara illi l-istess imputat kien awtorizzah li jaghmel dan. Semghet lill-imputat u

lill-Prosekuzzjoni jiddikjaraw li llum il-gurnata l-bilanc dovut lill-Parte Civile jammonta ghal elf u hames mitt ewro (€1,500).

Il-Qorti rrilevat fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2014 illi hija qed tirregistra tali ammissjoni ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li gie ntrodott fil-ligi nostrana taghna permezz tal-Att 1V tas-sena 2014. Il-Qorti giet accertata li mill-avukat difensur tal-imputat illi l-imputat kien jaf bl-import ta' tali ammissjoni u li huwa kien ben konsapevoli li kienet ser tigi registrata ammissjoni benche fl-assenza tieghu.

Id-difiza flimkien mal-Prosekuzzjoni ddikjaraw li kienu ftehmu dwar il-pieni li ghandha tigi errogata minn din il-Qorti u qeghdin jirrakkomandaw illi din il-Qorti taghti *conditional discharge* ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat in vista tal-fedina penali relattivament nadifa (b'eccezzjoni ghal reat wiehed *di minimis* li jikkoncerna ksur tal-ordinanza tat-traffiku fejn l-imputat gie kkundannat ihallas ammenda ta' tletin ewro fis-sena 2006).

Illi nhar id-29 ta Mejju 2014 deher Dr Anton George Buttigieg ghall-imputat assenti li iddikjara li dak in-nhar stess huwa kien gahdda il-bilanc ta flus dovuti lil kwerelanti tramite l-avukat Dr Stephen Farrugia Sacco u li kien qed izomm ferm l-ammissjoni ta l-asenti patrocinat tieghu l-imputat odjern. Il-prosekuzzjoni rapprezentata mill-Ispettur Jesmond Micallef iddikjara li ghalhekk illum il-gurnata il-kwerelanti thalls ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi mill-ezami tal-atti processwali, il-Qorti hija rinfaccjata b’ammissjoni tal-imputat u rat illi l-ammont li huwa mizapproprja kien fl-ammont ta’ tlett elef ewro.

Rat illi *pendente lite* l-imputat diga hallas l-ammont kollu dovut minnu u l-prosekuzzjoni iddikjarat li l-kwerelanti thallas ghas-saldu tal-pretensjoni tieghu..

Rat ukoll illi l-imputat ikkoopera mal-Prosekuzzjoni anke meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu fl-14 ta’ Dicembru 2011 liema stqarrija tinsab inserita fl-atti a fol 9 immarkata bhala Dokument JF 3.

Rat illi l-fedina penali tal-imputat fil-fatt verament hija wahda relattivament nadifa u ghalhekk l-imputat ghandu jigi trattat daqs li kieku *huwa a first time offender.*

**Ghaldaqstant il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi appuntu l-Artikoli 293, 294 u 392A tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tiddeciedi li ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li ssib lill-imputat GARRETH AGIUS hati u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ tliet snin mill-lum.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta’ din is-sentenza lill-imputat prezenti fl-awla u x’jigri f’kaz li huwa jonqos li josservahom.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------